**Minuti tas-Seduta 17 li saret fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju 2008 fit-8.30 p.m.**

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fit-8.55 p.m. Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Sindku Paul Chetcuti Caruana | 8.40 p.m. | 11.30 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | Skuzata | |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.40 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.40 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.40 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.40 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | Assenti | |
| Kunsillier Kirby Fenech | Skuzata | |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.53 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 9.05 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 9.00 p.m. | 11.30 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal laqgħa.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 16 tat-28 ta' April 2008**

1.1 Il-Minuti ġew approvati b'din il-korrezzjoni. L-aħħar sentenza għadha taqra hekk "Is-Seduta ntemmet fin-00.30 ta' Sibt filgħodu".

**2. Tagħrif mil-minuti**

2.1 Il-Kumitat ad hoc ta' Pjazza Rotunda iltaqgħa u ġie deċiż li l-files jgħaddu għand l-avukat tal-Kunsill. L-avukat avża li kien ser japponta żewġ esperti fil-materja. Dawn huma:

Il-Perit Legali – Mr. Mario Cassar
L-avukat – John Bonello

Dan ser jistudja it-terminu tat-tender u jirrapurtaw lura lill-kumitat.

2.2 Intbagħtu l-ittri dwar il-monumenti kemm lis-Soċjeta Nicolo' Isouard kif ukoll lis-Soċjeta Filarmonika Santa Marija. Irċevejna d-disinn taż-żewġ monumenti kif ukoll tas-Salib tad-Dejma u dawn ġew impoġġija fuq il-mejda.

Ġie iċċarat li l-applikazzjoni għas-salib tad-dejma hija f'isem il-Kunsill u ġiet iffirmata mis-Sindku u ghalhekk huwa l-Kunsill li jiddeċiedi. Is-Sindku spjega li hu kien dar il-każini kollha bl-iskop li jsir bust żgħir mill-Każini interessati f'postijiet diversi. Forsi kien xieraq li jekk ser isiru monumenti kbar minflok isir wieħed bi ftehim bejn kulħadd. Huwa insista li jew isiru iż-żewġ monumenti tal-każini jew jekk jinqalgħu l-problemi ma jsir xejn.

2.3 Dwar l-istqarrija pubblika l-Kunsill kien iddeċieda li għanda ssir dwar il-konok fi Triq il-Kostituzzjoni is-Segretarju spjega li kien qiegħed issir progress fil-Kuntatti mill-ADT u ser jingħata aktar ċans qabel toħroġ din l-istqarrija pubblika. Intbagħtet ittra lill-ADT (Mr David Sutton) u din inqrat fil-laqgħa.

2.4 Intbagħtet ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli dwar ħlas fuq 3 snin għad-disa toroq ta' ħdejn il-pjazza Tabib Chetcuti . Ma rċevejna l-ebda risposta.

2.5 Is-Sur Reuben Buhagiar intalab jgħati risposta sa l-aħħar ta' Mejju dwar il-post fiż-Żokrija li hu mikri lill-Melita Cycling Club. Saret laqgħa mas-Sur Buhagiar u dan intalab iħallas l-arrettrati kollha u jispjega għala il-post mhux jintuża regolari u mhux jinżamm nadif quddiem il-post. Intalab ukoll jneħħi struttura tal-injam li qed tkerraħ l-ambjent. Dan s'issa ma għamel xejn. Il-Kunsill insista li jekk ma jintlaħaqx ftehim jintalbu ċ-ċwievet lura.

2.6 Intlaħaq ftehim mat-TCTC. Mis-sena 2009, il-Kors tat-tfal fis-sajf isir b'sussidju ta' Lm 500 mill-Kunsill filwaqt dak tal-kbar isir spejjes tat-TCTC bla ebda sussidju mill-Kunsill. TCTC jingħata biss back-up mill-istaff tal-Kunsill u l-post fejn isir il-kors.

## 3. Korrispondenza

3.1 Talba mill-Liceo Brigella – Hamrun. Ġiet approvata għotja ta' (€58.23) Lm 25.

3.2 Lily of the Valley school talbu għas-sigurta u manutenzjoni tal-5 – a-side ground. Ġie approvat li jinħoloq kumitat għat-tmexxija ta' dan il-ground b'parteċipazzjoni attiva mill-youth empowerment centre immexxi minn Anna Grech.

3.3 Petition mir-residenti ta' Main Street (ħdejn San Ġużepp) għall-sleeping policeman ieħor. Hawn is-Sur Mario Sammut spjega kif huwa talab lill-Kumitat Konġunt tat-Trammuntana sabiex jikkonsidraw twaħħil ta speed cameras f'diversi toroq tal-Mosta. It-talba qed tiġi ikkunsidrata mill-Kumitat.

Il-Perit Chris Grech qal li ser jiġi ippreżentat ir-rapport komprensiv dwar it-toroq kollha tal-Mosta u l-bżonnijiet tagħhom.

3.4 Skola Primarja tal-Mosta E.B. Vella. Ġiet approvata għotja kif kienet l-użanza qabel.

3.5 A.S. Libertas talbu l-użu tal-Hall, refreshments u trophies. Ġiet approvata l-użu tal-hall u refreshments biss.

3.6 Anna Grech tal-Youth Empowerment Centre talbet li ssir ikla għall helpers tagħha. Din ġiet approvata.

3.7 Timothy Valletta –Dwar Periklu fi Triq il-Fortizza. Il-Perit Chris Grech wiegħed li jżur il-post u jirraporta lura.

3.8 Talba sabiex isiru l-korsijiet fl-ingliż. Ġiet aċċettata.

3.9 Saret talba sabiex jitpoġġa 'advertising sign' fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Din ma ġietx aċċettata.

**4.0 Approvazzjoni ta' Tender għall-Printing tal-Fuljett**

Tpoġġa ir-rapport tal-Kumitat tal-għażla u ntlaqgħet ir-rakkomandazzjoni li jintagħżlu l-Union Print għall-istampar tal-fuljett.

**5.0 Laqgħa Pubblika**

Ġie deċiż li din il-laqgħa issir fid-9 ta' Ġunju 2008 fit-8.00 p.m. li jkun it-Tnejn. Il-Kunsilliera kollha ġew imħeġġa jattendu u jgħamlu diskors dwar il-ħidma tagħhom.

**6.0 Ġemelaġġ mal-Belt ta' Bethlehem**

Ġie deċiż li qabel nipproċedu tinkiteb ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli.

**7.0 Ġbir ta' Skart tal-ħwienet**

Intqal li tal-ħwienet (restaurants) huma obligati mill-MTA li jqabbdu kollettur taż-żibel privatament. Il-Kunsill għandu jikteb lill MTA għal-lista ta stabilimenti liċenzjati fil-Mosta u jekk dawn humiex obligati jgħamlu hekk. Wara l-istabilimenti liċenzjati jintalbu jipproduċu kopja tal-kuntratt li għandhom mal-kollettur taż-żibel.

**8.0 Sistema Ġdida tat-telephones**

Is-Segretarju u s-Sindku ġew awtorizzati jinvestu f'sistema moderna tat-telephone skond il-ħtieġa u l-bżonnijiet tal-Kunsill. Huma ġew mitluba jinnegozjaw l-aħjar termini mal-kumpanja 'Go'.

## 9.0 Devoluzzjoni ta' diversi siti fil-Mosta

Ġiet deċiża lista ta' postijiet li l-Kunsill għandu jitlob devoluzzjoni tagħhom. Din hi:

- 9.1.1 Il-Barumbara (Hope Street)
- 9.1.2 RDC Room fiċ-Ċentru Ċiviku
- 9.1.3 Art ħdejn Lily of the Valley School
- 9.1.4 Shelter (War Rooms) taħt Ġnien L-Għarusa tal-Mosta
- 9.1.5 Kmamar tal-Militar ħdejn il-Victoria Lines
- 9.1.6 Art f'Santa Margerita

## 10.0 Environment Officer

Ġie deċiż li jaqbel jintemmu t-taħdidiet mal-UHM dwar l-ex Environment Officer Joe Borg qabel ma tinħareġ sejħa għall-dan il-post vakant.

## 11.0 Policy dwar Użu tas-Sala

Ġie deċiż li tintalab donazzjoni ta' €50 għal nofs ġurnata u €100 għal ġurnata użu tas-Sala iżda lill-Għaqdiet u Assoċjazzjonijiet Mostin din tingħata b'xejn.

## 12.0 Materji Oħra

12.1 Is-Segretarju spjega li għalaq il-kuntratt tal-SPV- Non Urban Weed Cutting. Ġie deċiż li ma jinħariġx tender ġdid iżda dan ix-xogħol jibda jsir min-nies tal-Kunsill u l-IPSL. Ġiet awtorizzata talba sabiex jinxtraw għodda għall dan l-iskop. Nibdew b'xiri ta' cutter għall-prezz ta' (€349.40) Lm 150 u lbies protettiv kif meħtieġ.

12.2 Ġie awtorizzat xogħol ta' bankina f'Dawret il-Wied, Flood Lights u qtugħ ta' ħaxix fil-Ground tal-Lgħajba, bankina fi Triq Durumblat, isir qtugħ taż-żonqor li hemm storjat, sabiex bih isir pavimentar ta' sqaqien żgħar.

12.3 Il-Kunsillier Nicola Fenech Adami talbet sabiex tiġi iċċarata il-pożizzjoni tal-Baruni Testaferrata dwar il-Bus Shelter li hemm fuq l-art tiegħu fi Vjal Indipendenza. Intqal illi din hi triq arterjali u għalhekk taqa taħt l-ADT. Jekk il-Baruni jikteb il-Kunsill għandu jirreferih għand l-ADT.

12.4 Ġie iffurmat li l-Kumitat tal-festa ta' Santa Marija mgħamul mis-Sindku, il-Kunsillier Chris Grech u s-Segretarju Eżekuttiv. Tintalab ukoll l-attendenza tas-Supretendent Mario Bonello, tal-GRTU, u tas-Sur Mario Riolo.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.30 p.m.. Ġie deċiż li l-laqgħa pubblika issir nhar it-Tnejn 9 ta' Ġunju 2008 u l-Kunsill li jmiss isir nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju 2008.

Dott. Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Ezekuttiv